MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1348/2004

**Carmelo Camilleri**

**vs**

**Vincent Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltija (Lm295.00) u fejn intqal:**
**Illi l-attur huwa s-sid tal-fond numru 4, Spiteri Court, Flat 4 Church Street, San Pawl il-Bahar;**
**Illi l-konvenut huwa sid il-fond sovrastanti;**
**Illi minhabba l-pipe ta' l-ilma mhux skond is-sengha u l-arti liema pipe jinsab fil-propjeta' tal-konvenut**

**minhabba din ir-raguni dahal ilma fil-fond tal-attur u kkawza hsarat fl-ammont ta' circa Lm250 minghajr VAT.**
**L-esponent qieghed jitlob li jithallas dan l-ammont ta' Lm295 minghand il-konvenut bl-ispejjez u li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra illi l-konvenut fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004 iddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici peress li l-bejt tal-fond in kwistjoni jigi wzat kemm mill-attur u kemm mill-konvenut.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi d-danni li qieghed jirreklama l-attur jinsabu fl-affidavit tal-Perit Reuben Muscat mahluf fis-6 ta' Ottubru, 2004.**
**2. Il-konvenut da parti tieghu ma ressaqx provi u ma hemm ebda raguni l-ghala dan it-Tribunal m'ghandux jaccetta dak li qed ighid il-Perit Muscat fl-affidavit tieghu. Fil-fatt il-Perit Muscat jistma d-danni fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) eskluz il-VAT li jigi fl-ammont ta' hamsa u erbghin lira (Lm45).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira (Lm295). L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------